MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2012

Numru 870/2011

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli)

vs

Malcolm Farrugia
Anthony William Theuma

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 56981(M) u 154592(M) rispettivament, akkuzati talli

Lil Anthony William Theuma wahdu talli:

(a) gewwa Hal-Ghaxaq f'xi hin filghodu ta' nhar id-19 ta' Mejju 2010 ikkommetejt serq ta' tlett snieter ta' l-ghamla Huglo single shot, Benelli Super Black Eagle u Benelli Semi Auto rispettivament minn gewwa kamra f'ghalqa li tinsab fi Triq ta' Loretu, Hal-Ghaxaq, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro, u dan sar ghad-detriment ta' John Brownrigg, Michael Desira, Samuel Zerafa u/jew persuni ohra;

(b) xi xhur qabel din id-data volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioè hsara f'senter propjeta ta' John Brownrigg liema hsara tammonta ghal 150 euro.

Lil Malcolm Farrugia wahdu talli:

(a) irrenda ruhu komplici ma persuna jew persuni fir-reat ta' tentattiv tas-serq, billi b'xi mod, xjentament, ghent jew assistejt lill awtur jew l-awturi tar-reat, fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat, u cioè fis-serq ta' l-imsemmija snieter liema delitt huwa ikkwalifikat bil- mezz u bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedux 2,329.37 euro u dan ghad-detriment ta' l-imsemmija John Brownrigg, Michael Desira, Samuel Zerafa u/jew persuni ohra.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinsema' sommarjament, mhux opposta.
Semghet lill-imputati jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa jinsistu wara l-Qorti tahtom zmien jirrikonsidraw

Fuq tali ammissjoni volontarja jew inkondizzjonata tal-imputati issibhom hatja.

Rat il-verbal taghha registrat f'din l-istess udjenza.

Tiddecidi:

- fil-konfront tal-imputat Anthony William Theuma: wara li rat l-Artikolu 261 (b) (c), 264, 267, 279 (a), 325 (b) u 17 (b) tal-Kap 9 tikkundanah sena prigunerija sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal- Kap 9;

- fil- konfront tal-imputat Malcolm Farrugia: wara li rat l-Artikolu 42 (d), 261 (b)(c), 264, 267, 279 (a) tal-Kap 9 tikkundannah disa xhur prigunerija sospizi ghall-sena.

Rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundanna l-imputati in solidum li jhallsu l-ispejjez tal-esperti nominati fl-inkjesta zmien xahar li jigu notifikati bihom mir-Registratur ta' dawn il-Qrati.

Il-Qorti fehmet lill-imputati r-responsabiltajiet taghhom skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------